

*Jikteb Joseph Gravina*

# Il-Knisja Parrokkjali u l-Kappillani

Xtaqt nibda l-kitbiet tiegħi dwar il-Knisja lokali u l-Kappillani li servew f'dan ir-raħal b'ittra miktuba minn l-awtur E.B.Vella li għaddiet lit-tielet Kappillan tar-raħal ta' Marsaxlokk, Dun Salvatore Gatt u t-tweġiba tagħha. Dan seħħ meta l-ktieb ***'Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk'*** ta' E.B.Vella kien ippubblikat l-ewwel darba fl-1927.

Fl-1993 Carmelo P. Baldacchino. ittajpja mill-ġdid il-volum bl-istess isem.



**DUN SALV GATT**
*Kappillan ta' Marsaxlokk*

*Għażiż Sur Kappillan,*

*Għadni kif qiegħed nispiċċa l-ittra li bgħatt lil Arċipriet taż-Żejtun fejn wara li wrejtu li dan id-distrett għandu storja li tibda eluf ta' snin qabel Kristu, fraħt lin-nies taż-Żejtun mill-ġmiel ta' storja li għandu r-raħal tagħhom.*

*Dana kollu nista' ngħidu wkoll lilek u lin-nies tal-Parroċċa tiegħek, il-għaliex Marsaxlokk kien, biex ingħid hekk, il-ħtija li ż-Żejtun għandu dik il-ġmiel ta' storja. Il-ġrajja ta' Marsaxlokk u dik taż-Żejtun huma magħqudin ma' xulxin sewwa sew bħal żewġ ħoloq ta' katina, u għalkemm fil-għadd huma tnejn, imbagħad għall-kwalitajiet l-oħra huma bħal ħaġa waħda. Dan huwa għaliex jiena ġbidt dawn iż-żewġt irħula fi storja waħda.Meta n-nies tal-merħla tiegħek jaraw dan ix-xogħol ċkejken tiegħi, jaraw kif dik ix-xemx li titla' faċċata tal-port, u dik il-veduta tal-port stess, iva, dik l-art ta' taħt saqajhom, iġibu għalihom ħsibijiet ġodda, barra mis-soltu ġmiel li bih titpaxxa l-għajn.*

*Għal dan kollu nifraħ lilhom kemm ukoll lilek u nitlobkom li tilqgħu dan ix-xogħol żgħir tiegħi, li jiena għaqqadt bil-ħsieb li kemm nista ngħolli l-qima lejn l-Art ta' Twelidna.*

*Bl-isbaħ xewqat tas-serv tiegħek,*
*E.B. Vella. Zabbar*
*Nhar il-Vittorja 1927.*

* * * * *

***Tweġiba***
*Marsaxlokk, 10 ta' Settembru 1927.*

*Għażiż Surmast Vella,*

*In-nies ta' Marsaxlokk ilhom ħafna jixtiequ li kieku xi ħadd jikteb l-istorja tal-port tagħhom, il-għaliex bosta drabi semgħu li dan għandu paġna l-iktar sabiħa fl-istorja ta' Malta. Għalhekk ibqa żgur li jiena kemm ukoll ix-Xlukkajri kollha*

*sejrin nilqgħu bl-ikbar pjaċir dan ix-xogħol sabiħ tiegħek li sejjer jixħet ħafna dawl fuq l-imgħoddi ta' dan il-port u l-art ta' Marsaxlokk barra, dawk il-ġrajja taż-Żejtun.*

*Jiena għalhekk, fl-isem tan-nies kollha tal-merħla tiegħi, nizzihajr bil-qalb lilek ta' dan l-istudju sabiħ li naf li swielek żmien, taħbit u spejjeż u li naf ukoll li inti għamiltu mhux għal ħsieb ieħor ħlief biss biex tqanqal l-imħabba lejn l-Art għażiża tagħna.*

*Fl-aħħar nett, nitlob l'Alla li jberiklek dan ix-xogħol tiegħek patrijottiku, u fl-istess ħin inwiegħdek illi nagħmel kemm nista' biex inxerridlek dan il-ktieb, u b'hekk nagħmillek kuraġġ biex hekda kif dan il-ktieb mhux l-ewwel wieħed li int ktibt fuq il-ġrajja ta' pajjiżna, lanqas ma jkun l-aħħar wieħed, u b'hekk barra milli inti tqanqal dik il-qima lejn is-sabiħ imgħoddi ta' Malta, tkompli tkattar dak l-unur li tassew jistħoqqlok.*

*Bl-isbaħ ħsibijiet.*

*Dun Salv Gatt*
*Kappillan ta' Marsaxlokk*

* * * * *

Fis-sena 1887, grupp ta' Xlukkajri talab lill-Arċisqof biex jikkunsidra knisja parrokjali fir-raħal ta' Marsaxlokk, u huwa aċċetta t-talba tagħhom. Meta kienu waslu għall-proġett, il-familja nobbli ta' Zammit Gauci offrew l-art, u nbniet skond id-disinn tal-Kappillan Ġużeppi Diacono mix-Xagħra Għawdex.

Il-qassis Giuseppe Diacono (1847-1924) twieled fir-Rabat, Għawdex f'dar fi Triq Casal Garbo (illum magħrufa bħala Triq Santa Ursola) mill-ġenituri, Angelo u Maria fis-16 ta' Awissu 1847. Fl-4 ta' Marzu 1971 kien ordnat saċerdot fil-Katidral ta' l-istess gżira. Fl-1881 kien il-Kappillan tal-Qala sa l-1891 meta telaq bħala l-Kappillan tax-Xagħra (1891-1909).

Huwa ddisinja l-pjanti għall-knisja ta' Maria Reġina tal-qalb ta' Ġesù u d-dar maġenbha. Disinn ieħor għall-knisja ta' San Lawrenz u fl-istess perjodu pprepara l-pjanta għall-kostruzzjoni tal-knisja ddedikata lill MADONNA TAR-RUŻARJU TA' POMPEI. Iddisinja l-Koppla tal-knisja tax-Xagħra. Fl-1903 ddisinja il-knisja parrokjali ta' l-Għasri. Huwa miet fit-22 ta' Lulju 1924 u ndifen fil-Bażilka tax-Xagħra.



Fl-istorja nsibu li sitt snin qabel twieled il-qassis Diacono,jiġifieri fl-1841 twieled Giuseppe, iben Luigi Dei Marchesi u Rosalea Viani Testaferreta de Noto. Fl-1874 huwa żżewweġ lill-Prinċipessa Rosina Sebbatini, bint il-Prinċep Niccolò u Francesca Palermo u għexu maġenb il-Kappella ta' San Pietru. (It-titlu tal-Marchese kien ingħatalu mill-Papa Leone XIII fl-1889).

Din is-sinjura Rosalia Viani Testaferreta kienet fi vjaġġ fuq imbarkazzjoni bi qlugħ, lejn il-punent ta' l-Italja meta maltempata kważi għerrqet l-ekwippaġġ kollu. Hija qalet li salvaw bl-għajjut tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei u waslu fil-port ta' Bastia fil-gżira ta' Korsika f'nofs il-jum tal-11 ta' Ottobru 1885. Jum li ma jintesa qatt! Dakinhar, il-quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei kienet iċċelebrata supplikament. Għal din ir-raġuni s-sinjura Viani saret devotissima lejn il-Padruna u xtaqet li xi darba tkun tista' toħloq xi ħaġa biex tirringrazzjaha.

Informazzjoni ddettaljata tal-Kappillan Teologu Antonio Psaila miż-Żejtun fl-1883 tispjega li fl-

assenza ta' *'Status Animarum'* fl-1890. Dan l-eżerċizzju jiddiskrivi l-ewwel familji li għexu fil-villaġġ tas-sajjieda. Huma kienu l-pijunieri li bl-insistenza tagħhom kellhom lill-Marsaxlokk bħala Parroċċa indipendenti.

Huwa semma l-proġġett 'Il-Bajja ta' Marsaxlokk' bl-informazzjoni li taqsam f'toroq, f'numri, f'kunjomijiet, f'ismijiet, f'laqmijiet, f'età, f'ġenituri, fi twettiq u f'rimarki. Huwa żied b'aktar sotto-titoli *'Status Animarum Commorantium in Porto Euro, vulgo Marsa-scirocco, factus mense Augusti 1883'.*

F'dawk iż-żminijiet, apparti Triq Marsaxlokk lejn iż-Żejtun, kien hemm sqaq Busbiesi u t-triq lejn l-għolja tas-Silġ. L-abitanti kienu biss madwar 185 f'41 familja. Fir-Rimarki, huwa ddikjara li waħda biss kienet separata minn żewġha u erbgħa minnhom ma kienux jeżerċitaw il-Kristjaneżmu obbligatorju. Tnax mit-total kienu xjuħ u l-Kunjomijiet komuni kienu Buġeja (5 familji), Gafà (5 familji), Bonnici (5 familji), Caruana (4 familji) u Gravina (3 familji).

Uħud mix-Xlukkajri ddiskutew f'wieħed mill-imħażen sabiex jiddeċiedu Padrun titolari tagħhom. Kien hemm min ried lil Sant' Andrija (padrun is-sajjieda), oħrajn lill Madonna tal-Karmelu, imma grupp xtaqu li l-Padruna tkun il-Madonna ta' Pompei. Il-Markiża Rosalia Viani Testaferrata offriet nofs l-ispiża, jekk l-abitanti ta' dan il-villaġġ jiddeċiedu li jiddikjaraw il-knisja l-ġdida lis-Sinjura tar-Rużarju ta' Pompei.

Sadanittant, fil-wied ta' Pompei ġewwa l-Italja, il-Beatu Bartolomeo Longo bena tempju ddedikat lill-Madonna ta' Pompei. Fl-1887 il-Kardinal Monaco la Vallette kkonsagra l-artal maġġur tas-Santwarju u kwadru mirakuluż tal-Madonna tar-Rużarju kien mqiegħed f'post prominenti. F'dak iż-żmien id-devozzjoni u l-pellegrinaġġi lejn is-Santwarju kienu popolari ħafna.

Għaddew is-snin u l-lokal tas-sajjieda sar popolari ma' ħafna oħra, li bdew jiġu jgħixu fl-irziezet jew djar ġodda, u għalhekk fl-1896 ix-Xlukkajri ppreżentaw petizzjoni, quddiem l-Arċisqof Pietru Pace sabiex jiddikjara l-villaġġ bħala parroċċa.



**IL-MONSINJUR PIETRU PACE**
(1889-1914)

Il-Monsinjur Pietru Pace kien l-Arċisqof ta' Malta u bl-iskop ta' knejjes ġodda huwa ffonda Kummissjoni bil-presidenza tal-Kappillan Anton Psaila. Il-Kappillan taż-Żejtun kiteb dokument utli u ntitolah *'Ad Futuram Rei Memoriam'.* Din l-informazzjoni tiddeskrivi li l-Ħadd 7 ta' Diċembru, 1890 kien il-jum tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju.

Parti minn dan id-dokument tgħid; *'Sentendosi il bisogno-stante la popolazione ogni giorno cresente di Marsascirocco si decide che la chiesa si costruita. Onde ottenuto il sito dal benemerito Signore Gentiluomo Filippo Zammit del fu' Signore Infantino del Zebbug'.*

Il-Kappillan Anton Psaila akkumpanjat mill-Kleru taż-Żejtun u assistit miż-żewġ Kanonki tal-Katidral imxew f'purċissjoni biex titbierek l-ewwel ġebla.

Fi żmien il-kostruzzjoni tal-knisja l-ġdida tar-raħal tagħna, il-210 persuni fil-ħamsin familja li kienu jgħixu hawn, kienu kuntenti. L-istess Dokumentazzjoni tgħid kif; 'Waqt li l-Eċċelenza tiegħu, il-kleru u d-diversi persunaġġi kienu fi triqithom lejn l-imsemmija knisja, il-Markiża Rosalia Viani Testaferrata stiednithom biex wara jmorru għal bibita fid-dar tagħha'.

Il-Ħadd 25 ta' Settembru, 1892 kien hemm it-tberik tal-knisja ddokumentat mill-istess qassis, *'Ad Futuram Rei Memoriam'*.



*Marsaxlokk fl-1895. Ritratt bil-permess tas-Sur J. Attard.*

Meta kienet mitmuma l-fabbrikazzjoni tal-knisja biż-żegħlu kontinwu ta' Monsinjur Arċisqof Pietru Pace u l-ħafna donazzjonijiet tal-Benefatturi, l-istess Arċisqof ipparteċipa fiċ-ċerimonja tat-tberik tal-knisja viċendarja. Fost il-konkorrenza tan-nies, sar it-tberik solenniment tal-knisja. Fiċ-ċerimonja sagra ddedika bid-diskors ta' l-okkażjoni lill-udjenza enormi li attendiet bi ħġarha. U fl-aħħar spiċċa ċ-ċerimonja fost il-ferħ ta' kulħadd. Ippranza għand il-Markiża u fl-aħħar ipparteċipa għar-reċita tar-Rużarju u sollenniment tkanta t-*'Te Deum'*. Biex takkompanja bħal dejjem... u tferraħ lill-pubbliku, kien hemm il-mużika tal-Banda Beland li ddivertiet lill-massa li ġiet minn kull rokna tal-gżira. Numru hekk kbir ta' nies li qatt ma ntlemaħ bħalu. Funzjoni li tibqa' għal dejjem f'moħħ kulħadd.

'Allura wieħed jista' jgħid li matul is-sena 1892 ma kienx allokat Kappillan fil-villaġġ tas-sajjieda għaliex is-saċerdot Anton Psaila taż-Żejtun kien il-Kappillan li kellu x'jaqsam ma' Marsaxlokk. Il-villaġġ kellu biss il-viċi-kappillan matul dak l-istess perjodu'.

## L-ewwel Viċi-kappillan

Il-ġenituri tas-saċerdot Laurentius, Giuseppe Psaila u Rosa Camilleri kienu żżewġu fit-8 ta' Ġunju, 1822. Laurentius twieled fl-1 ta' April 1843 u skond il-Vista Pastorali ta' l-Arċisqof fil-parroċċa taż-Żejtun fis-sena 1862, Laurentius Psaila kien 'clericus', mentri fl-1866 kien 'subdiaconus'. Huwa kien ordnat saċerdot fl-1867. Missieru miet fl-1881 u ommu mietet fl-1884.

Għal darba oħra, fil-manuskritt *'Ad Futuram Rei Memoriam'* fit-22 ta' Novembru tal-1892, is-saċerdot Laurentius Psaila kien iddikjarat viċi-kappillan ta' Marsaxlokk, u bierek l-ewwel tarbija 'Rosaria'. Matul il-kariga tiegħu huwa amministra għaxar magħmudijiet bl-aħħar waħda fil-5 ta' Novembru 1893. Huwa miet fl-età ta' 51 sena fl-4 ta' April 1894 di skritt bħala 'Missionarium Apostolicus'.

---


*Referenzi għal kitba tiegħi:*

- *Mill-volum 'Marsaxlokk Mitt Sena Parroċċa 1897-1997' u xogħlijiet oħra ta' Joseph Grech fl-istess perjodu.*
- *Mill-volum 'Teżori fil-Knejjes Maltin' ta' Tony Terribile*
- *Mill-volum 'Marsaxlokk a hundred years ago' tal-Kanonku Joe Abela BH. (Hons.)*
- *Mill-volum 'Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk' ta' Carmelo P. Baldacchino 1993. (li kien ittajpja mill-ġdid il-volum bl-istess isem ta' E.B.Vella u li kien ippubblikat l-ewwel darba fl-1927).*
- *Mill-volum 'Bliet u Rħula Maltin' ta' Alfie Gullaumier u l-Konsulent storiku Charles Galea Scannura.*
- *Mill-Kurja ta' l-Arċisqof bl-informazzjoni dwar il-kappillani li servew fil-parroċċa ta' Marsaxlokk.*
- *Referenzi oħra mingħand Ċikku Gatt, Antonia Gravina u Napuljun Carabott.*
- *Internet: Ritratti, Teżijiet u Artikli, ħsibijieti (notamenti), Gazzetti u Korrispondenza oħra.*



Grazzi kbira tmur għal dawn in-nies imsemmija u oħrajn li forsi nsejt insemmi. Mingħajrhom qatt ma kont nasal nagħmel dan ix-xogħol.